**12 ta' Marzu, 1965**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Emmanuele Aquilina

*versus*

Salvatore Aquilina et.

*Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni inademplenti contractus jeħtieġ illi si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiż-żewġ kontraenti radikata fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom. Kondizzjoni oħra hija illi fil-fehma tal-ġudikant, meqjusa iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikun hemm ċerta proporzjon bejn l-inadempjenza attribwita bi ħtija lill-attur u dik rifjutata mill-konvenut. Jeħtieġ li l-inadempjenza ta' l-attur tkun imputabili lilu u li inoltre, relativament għal prestazzjoni hu jeżiġi minn għand il-konvenut tkun ta' ċerta gravita.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti b'verbal tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1954 fil-kawża "Emmanuele Aquilina vs. Gaetano Aquilina, et." li għadha pendenti quddiem il-Prim'Awla Ċivili. allura differita għas-sebgħa ta' Ottubru, 1964, obbligaw ruħhom solidalment li jħallsuh ma tul il-ħajja tiegħu, vitalizzju ta' tlett xelini (3s.) kuljum, bħala korrispettiv talli l-attur ċeda l-ħanut li kellu, bil-permessi tiegħu, li ġew imdawwrin fuq il-konvenuta Cristina Aquilina liema ħanut jinsab f'Saint Joseph Lane, numru 1, Pieta — u illi dana l-vitalizju

ġie mħallas ir-rati ulterjuri, mit-tmienja ta' Novembru, 1963, sat-tlieta ta' Settembru, 1964, jiġifieri tlieta u erbgħin ġimgħa, talab illi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-konvenuti jiġu kundannati li jħallsuh solidalment ħamsa u erbgħin lira u tlett xelini (£45.3.0) għar-rati fuq indikati tal-imsemmija vitalizzju. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tal-ħdax ta' Jannar, u erbgħa u għoxrin ta' Marzu, 1964.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Bernardo Aquilina li biha qal li l-flus pretiżi mill-attur huma dovuti minn Cristina Aquilina u mhux minnu u hu ma jaf xejn fuq l-istess debitu.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-erba' konvenuti l-oħrajn li biha qalu li d-domanda tal-attur hija nfondata għaliex dan kiser il-ftehim li sar bl-iskrittura tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1964.

Rat il-verbal tas-sittax ta' Novembru, 1964 minfejn jirriżulta li l-konvenut Bernardo Aquilina, permezz tad-difensur tiegħu, irrinunzja għall-eċċezzjonijiet li kien ta u assoċja ruħu mal-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuti l-oħrajn.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tlieta u għoxrin ta' Novembru, 1964 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu wara li kkunsidrat:—

Illi l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tar-rati vitalizji lilu promessa bl-iskrittura tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1961 għall-perijodu mit-tmienja ta' Novembru, 1963 sat-tlieta ta' Settembru, 1964; da parti tagħhom il-konvenuti qegħdin jopponu l-ħlas għaliex l-attur kiser il-kondizzjoni, stipulata fl-

istess skrittura, fis-sens li ma jiftaħx negozju tal-istess natura bħal dak, li tiegħu ċeda sehmu bl-istess ftehim, fir-remissa jew garage jew f'kull fond ieħor fl-istess inħawi.

Illi mill-provi rriżulta bħala fatt li l-attur fetaħ ħanut tal-ġeneru li ma kellux jiftaħ skond il-ftehim riferit u f'lokal projbit bl-istess ftehim; l-attur stess jgħid li l-konvenuta Cristina Aquilina, li kienet tħallsu r-rata miftehma solidalment mill-konvenuti kollha, ma ħallsitux iżjed u nsistiet f'li ma tħallasx għaliex ippretendiet li m'għandiex tħallas billi hu kien fetaħ dana l-ħanut u hu loġiku għalhekk li jiġi ritenut (billi d-data tal-ftuħ ma ġietx preċisata) li r-rata ma tħallsitx l-ewwel darba wara li kien fil-fatt infetaħ il-ħanut.

Illi fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li m'għandux permessi regolari fil-ħanut u li ma tantx ibiegħ billi jiftaħ il-ħanut għal żmien qasir wara nofs in-nhar biss, bl-inferenza ovvja li dak li qed jagħmel ma jammontax għal ksur ta' l-obbligu minnu assunt fl-iskrittura riferita u fis-sens ġa' msemmi. Filfatt dana l-argument ġie sottomess fl-interess tiegħu waqt it-trattazzjoni orali, meta ġie wkoll sottomess li d-diviet li jiftaħ ħanut għandu jkun ta' ħames snin biss, bħala obbligu li ħiereġ minn skrittura privata, fil-waqt li l-ksur tad-diviet se mai jintitola biss lill-konvenuti jġiegħeluh jerġa jagħlaq il-ħanut iżda mhux ma jħallsux dak li jobbligaw ruħhom iħallsu.

Illi ebda waħda minn dawna s-sottomissjonijiet ma jistgħu jiġu, fil-fehma tal-Qorti, milqugħa speċjalment meta wieħed iħares, kif għandu, għal dak li verosimilment riedu jifhmu l-partijiet kontraenti meta għamlu l-ftehim in kwistjoni u ġiet apposta dik il-kondizzjoni li l-attur ma kellux jiftaħ ħanut. Dina l-intenzjoni nfatti ma setgħetx kienet ħlief li l-konkorrenza ta' ħanut f'ġeneri simili bħal dak ċedut

tnaqqas mill-qliegħ derivabili mill-ġestjoni tal-istess ħanut ċedut u kwindi l-ħlas pattwit ma jkunx iżjed dovut: dan mhux ħlief l-applikazzjoni tal-aforisma "inademplenti non est adimplendum." Issa dan jiġri u kwindi għandu jiġi ritenut japplika matul iż-żmien kollu li għandu jitħallas il-vitalizju lill-attur u hu rrilevanti jekk dan hux jinnegozja f'ħanut regolarment liċenzjat o meno billi l-ħsara tal-konkorrenza ta' ħanut viċin dejjem tibqa teżisti u kwindi għandha tiġi ritenuta li kienet fil-ħsieb tal-partijiet; oltre dan jingħad li konklużżjoni diversa twassal fl-assurd ġuridiku li l-attur, għax qiegħed jikkonkorri b'mod li mhux regolari, jieħu profitt hu stess minn din l-irregolarita tiegħu għaliex id-diviet ma japplikax iżjed. Kien ikun divers il-każ li kieku, minħabba li għad mhux regolari fil-ftuħ tal-ħanut, dan għad ma bediex jiġi ġestit: fil-fatt pero rriżulta li qiegħed jiġi ġestit u kwindi l-ħsara qegħda ssir, u hi din li kienet fil-ħsieb tal-kontraenti li kellha tiġi evitata.

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata u t-talba tiegħu tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta ta' l-konvenut Salvatore Aquilina li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi "l-fatt li hu, wara x-xogħol tal-ġurnata, fil-għaxija qiegħed iċekċek f'ħanut mingħajr permessi tal-Pulizija u ta' l-Awtorita Sanitarja, ma jistax jingħad li jammonta għal ftuħ ta' negozzju li ser-

jament jista' jagħmel konkorrenza lill-ħanut ġestit mill-appellata Cristina Aquilina.

Dwar dan l-ilment, din il-Qorti, ma ssib xejn utili x'iżżid ma dak li ntqal fis-sentenza appellata. L-entita tan-negozju li l-appellant jagħmel ma tirriżultax dettaljatament; pero l-appellant stess meta xehed qal li hu "fetaħ ħanut." Dan hu appuntu dak illi, fil-ftehim tiegħu ma l-appellati, kien obbliga ruħu li ma jagħmelx. Kif qalet wisq sewwa l-ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt illi l-appellant fetaħ il-ħanut mingħajr il-permessi tal-Pulizija u tas-sanita hu, għall--finijiet in kwistjoni għal kollox irrilevanti. L-appellant ma jistax manifestament jeħles mill-obbligu li assuma jew mill-konsegwenzi tal-ksur ta' dak l-obbligu billi jinvoka favur tiegħu kontravvinzjoni tal-liġi kommessa minnu stess. Dak li hu rilevanti hu biss il-fatt tan-negozzju li hu fetaħ u mhux anqas deċiżiv il-fatt, imqarr jekk veru, illi l-ħanut mhux miftuħ il-ġurnata kollha jew il-bejgħ minnu għad mhux kbir. Difatti kollox hu relativ: l-entita tal-ħlas tal-vitalizju pattwit għan-negozzju li l-appellant ċeda lill-appellat turi illi anqas dak in-negozzju ma sata kien kbir wisq; u għaħekk, fir-relazzjoni ta' bejn l-obbligi rispettivi ma' jistax jingħad illi n-nuqqas ta' eżekuzzjoni da parti ta' l-appellant ma kienx importanti.

Pero, fit-tieni lok, l-appellant jilmenta illi l-appellati ma kellhomx dritt li jassumu l-vesti ta' ġudikant u minn rajhom iwaqqfu l-ħlas dovut lilu mingħajr dikjarazzjoni ġudizzjarja li hu naqas mill-impenji tiegħu. Id-dritt li l-appellati sata kellhom kien dak biss li jazzjonaw lill-appellant biex iġagħluh jagħlaq il-ħanut u, in difett, li jitolbu d-danni, jew li jitolbu d-danni direttament (art. 1171-1172 Kodiċi Ċivili).

Pero, fil-fehma tal-Qorti, anqas dan l-ilment ma hu

fondat. Ċertament l-appellati setgħu, kieku riedu, jinqdew bir-rimedju msemmija mill-appellant, kompetenti lilhom skond l-artikoli tal-liġi ċitati minnu. Iżda għalkemm huma *kellhom dawk id-drittijiet*, dan ma jfisserx illi huma ma kellhomx ukoll ir-rimedju invokat minnhom, cioe li għat-talba ta' l-appellant biex huma jkunu kostretti jeżegwixxu l-parti tagħhom tal-ftehim huma jopponu l-inadempjenza da parti ta' l-istess appellant tal-parti tal-ftehim li kienet tmiss lilu.

Huwa veru *illi kien hemm min irritjena illi, fin-nuqqas* ta' disposizzjoni ġenerali fil-liġi li tirrikonoxxi l-'eceptio inadimpleti contractus', dina ma għandiex tkun ammessa ġeneralment, imma għandha tkun ammessa biss fejn il-liġi tipprovdi għaliha speċifikament bħal fil-każ tal-bejgħ (art. 1441-1442 Kodiċi Ċivili).

Iżda din ma hix id-dottrina prevalenti u anqas hi l-prattika tal-Qrati tagħna.

Il-Kodiċi l-ġdid Taljan, biex jaqta kull kwistjoni, introduċa *d-disposizzjoni* ta' l-artikolu 1460 li tgħid: "nei contratti con prestazioni corrispettivi, ciascuno dei contraenti puo rifiutarsi di adempiere la sua obbligazione, se l'altro non adempie o non offre di adempiere contemporaneamente la propria salvo che termini diversi per l'adempimento siano stati stabiliti dalle parti o risolti dalla natura del contratto. *Tuttavia non puo rifiutarsi l'esecuzione* se, *avuto* riguardo alle circostanze il rifiuto e contrario alla buona fede." Giovanni Persico, fil-monografia pregevoli tiegħu "L'eccezione D'Inadempimento" (Ed. Giuffre — 1955) jgħid: "E' agevole osservare che la formulazione dell'articolo corrisponde alla definizione che dell'"exceptio non adimpleti contractus" è stata data dalla maggioranza degli scrittori e dalla Giurisprudenza sotto il Vecchio Codice laddove era posta in dubbio persino la sua ammissibilita mancandone un espli-

cito riconoscimento: la sua esistenza come istituto di carattere generale era, tuttavia riconosciuta dai maggiori giuristi." (p. 1). Ir-rimedji l-oħra provduti mill-Kodiċi l-qadim Taljan, kif mill-Kodiċi tagħna, senjatament dawk tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt anke bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu, ta' l-esekuzzjoni speċifika u tad-danni għall-inadempiment m'humiex esklusivi ta' dan l-eċċezzjoni iżda din hija komplimentari għalihom u tirrendihom iktar effikaċi. Kif josserva Giovanni Pacchioni: "al silenzio del Codice non puo attriburissi il significato di esclusione della 'exeptio non adimpleti contractus' perche, con molti altri ezempi, puo facilmente dimostrarsi che non tutto il diritto civile vigente è contenuto e regolato espressamente nel codice civile. Il codice non contiene che lo scheletro del nostro sistema giuridico privato, mentri i tessuti sono, in grant parte, contenuti nel complesso delle teorie e dei principii tramandati che si vengano applicati, plasmando e riplasmando intorno al codice" (Dir. Civ. Ital. P. II Vol. II 3a Ediz. (1939) p. 40).

Din l-eċċezzjoni hi poter mogħti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' ċerti ċirkostanzi, hu jista' jastieni ruħu milli jadempixxi l-prestazzjoni tiegħu. B'dik l-eċċezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minħabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess eżegwixxa l-obbligazzjoni tiegħu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni. Id-dritt għal kontroprestazzjoni jibqa' eżistenti, imma jkun sospiż minħabba l-inadempiment ta' l-istess attur. Il-konvenut li jissolleva dik l-eċċezzjoni ma jkunx b'daqshekk "assuma l-vesti ta' ġudikant", kif jgħid l-appellant, jew "għamel ġustizzja b'idejh" bi vjolazzjoni tal-prinċipju "non est singulis concedendum quod per magistratum publice posse fieri," għaliex hu ma jissottrahiex ruħu għall-kontroll tal-Qrati: biss dana jikkonkreta ruħu ex nunc pro tunc (cfr. passim Fadda art. 1165 § 734 et. seq.).

Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni in kwistjoni jeħtieġ illi si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiż-żewġ kontraenti radikati fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom. Din il-kondizzjoni tirrikorri fil-każ preżenti. L-appellant issottomettu waqt it-trattazzjzoni orali ta' l-appell illi l-ħlas lilu tat-tliet xelini kuljum kien il-prezz taċ-ċessjoni tal-kwota tiegħu tal-ħanut lill-appellati u mhux il-kontroprestazzjoni ta' l-eskluzjoni tiegħu milli jiftaħ ħanut ieħor fl-istess inħawi. Iżda fil-fehma tal-Qorti din id-distinzjoni ma hix ġustifikata. L-obbligazzjoni assunta mill-appellant li ma jiftaħx negozzju ieħor ta' l-istess xorta fl-istess lokalità kienet manifestament parti integrali tal-ftehim għaċ-ċessjoni tal-ħanut li ġa kellu u l-vitalizju ġie miftihem bħala prezz ta' l-obbligazzjoni kollha komplessa assunta mill-appellant. Skond l-artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili "kull kondizzjoni għandha tiġi eżegwita bil-mod li bih il-partijiet preżumibilment riedu u ntendew li tiġi eżegwita" u ma jidherx li jista' jkun hemm dubju illi, fl-intenzzjoni tal-partijiet fil-każ preżenti, il-ħlas kellu jsir purke in-negozzju ċedut, li mill-qliegħ tiegħu kellu jsir il-ħlas, sata jiġi ġestit b'mod li sata' jirrealizza dak il-profitt cioe mingħajr konkorrenza da parti ta' l-appellant. Dan in-nuqqas ta' konkorrenza bilfors kien, flimkien maċ-ċessjoni tal-ħanut l-ieħor, il-kontroprestazzjoni assunta mill-appellati. Iż-żewġ affarijiet kienu jmorru flimkien u ma' jistax l-appellant ixindi ħaġa waħda mill-oħra.

Kondizzjoni oħra biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni "inadempleti contractus" hija illi, fil-fehma tal-ġudikant, meqjusin iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikun hemm ċerta proporzjon bejn l-inadempjenza attribwita bi ħtija lill-attur u dik rifjutata mill-konvenuti; jinħtieġ fi kliem ieħor illi l-inadempjenza ta' l-attur tkun imputabili lilu u li inoltre, relativament għall-prestazzjoni li hu jeżiġi mingħand il-konvenut tkun ta' ċerta' gravita. Anki dawn ir-rekwiżiti jirrikorru fil-każ preżenti. M'hemmx kwistjoni illi l-appellant kien fi

ħtija volontarja meta fetaħ in-negozzju kontra l-obbligazzjoni tiegħu. Mill-banda l-oħra ġa ġie rilevat illi, anki jekk il-bejgħ li għamel ma kienx kbir f'termini assoluti, relativament għall-intenzjoni tal-partijiet u li skop tal-projbizzjoni, ma satax ma kienx ta' ċerta rilevanza. Jidher ċar illi l-konsiderazzjoni ta' l-esekuzzjoni tal-konkorrenza kienet għabbażi stess tal-kuntratt.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.